# IL-QORTI ĠENERALI

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2013 — Brainlab vs UASI (Curve)

**(Kawża T-266/13)**

(2013/C 215/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Brainlab AG (Feldkirchen, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Bauer, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-15 ta' Marzu 2013, fil-Każ R 2073/2012-4 u d-deċiżjoni tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-17 ta' Settembru 2012, fil-proċedimenti ta' reġistrazzjoni 008608473;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-proċeduri.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "Curve" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 10, 35, 38, 41, 42, 44 u 45 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8 608 473

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:*applikazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2013 — El Corte Inglés vs UASI — Gaffashion (BAUSS)

**(Kawża T-267/13)**

(2013/C 215/19)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Seijo Veiguela u J. L. Rivas Zurdo, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Gaffashion — Comércio de Acessórios de Moda, Lda (Viana do Castelo, il-Portugall)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-21 ta' Frar 2013 fil-Każ R 2295/2011-2, sa fejn, billi tiċħad l-appell tar-rikorrenti, din tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li t-Trade mark Komunitarja Nru 9 093 733 "BAUSS" (verbali) tiġi rreġistrata parzjalment;

— tikkundanna għall-ispejjeż lill-parti jew lill-partijiet li jopponu dan ir-rikors.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Gaffashion — Comércio de Acessórios de Moda, Lda

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "BAUSS" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 18, 25 u 35 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 093 733

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade marks figurattivi li jinkludu l-elementi verbali "BASS 3 TRES", "BASS 10 DIEZ" u "BASS 20 VEINTE" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 18, 25 u 35

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2013 — Nutrexpa vs UASI — Kraft Foods Italia Intellectual Property (Cuétara MARÍA ORO)**

**(Kawża T-271/13)**

(2013/C 215/20)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Nutrexpa, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: J. Grau Mora, M. Ferrándiz Avendaño u Y. Sastre Canet, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Kraft Foods Italia Intellectual Property Srl (Milano, l-Italja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-18 ta' Marzu 2013 fil-Każ R 1285/2012-1, li tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja (figurattiva) Nru 9 056 045 "Cuétara MARÍA ORO" sabiex tindika "frott fil-laned u niexef: ħxejjex fil-laned, nexfin u msajra" (klassi 29) u "dqiq u preparazzjonijiet magħmula miċ-ċereali, ħobż, għaġina u ħlewwiet, ġelat, biskuttini" (klassi 30), li konsegwentement għandhom jiġu rreġistrati mill-UASI;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "Cuétara MARÍA ORO" għal prodotti fil-klassijiet 5, 29 u 30 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 056 045

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Kraft Foods Italia Intellectual Property Srl

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade marks figurattivi nazzjonali u Komunitarja li jinkludu l-element verbali "ORO" għal prodotti fil-klassijiet 29 u 30

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2013 — GOLAM vs UASI — meta Fackler Arzneimittel (METABIOMAX)**

**(Kawża T-281/13)**

(2013/C 215/21)

*Lingwa tar-rikors: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sofia Golam (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: N. Trovas, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* meta Fackler Arzneimittel GmbH (Springe, il-Ġermanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tilqa' dan ir-rikors u tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-14 ta' Marzu 2013 fil-Każ R 2022/2011-2;

— tiċħad l-oppożizzjoni tal-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell u tilqa' fit-totalità tagħha l-applikazzjoni mressqa mill-applikant;

— tikkundanna lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell tħallas lir-rikorrenti l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.